# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 1141/2016/LSO**

**Osayamon Princess Emirovahoe f' isimha proprju u f' isem uliedha minuri Christopher Eno u Freedom Chimeremumma Nwakwe**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Osayamon Emirovahoe (ID 51720A) datat 16 ta’ Dicembru 2016 fejn esponiet: -

Illi isem l-esponenti huwa **'OSAYAMON EMIROVAHOE',** kif jidher mill-attestazzjoni tat-twelid taghha datata 12 ta' Awwissu, 2016, u d-dokument tal-identifikazzjoni mahrug mill-Immigration Office (*vide* Doks PE 1 u PE 2 annessi u mmarkati rispettivament);

Illi fic-certifikat tat-twelid tat-tifel tal-esponenti Christopher, kif irregistrat fir-Registru Pubbliku bir-registrazzjoni numru erbat elef, mija tnejn u erbghin tal-elfejn u disa’ (4142-2009) (*vide* Dok PE 3 anness), isem l-esponenti gie miktub bhala Princess Kosas nee' Kosas, filwaqt li gie ndikat illi hija mizzewga lil Alex Eno;

Illi *di piu'*, fic-certifikat tat-twelid ta' bint l-esponenti Freedom Chimeremumma, kif irregistrat fir-Registru Pubbliku bir-registrazzjoni numru elf, seba’ mija u tmintax tal-elfejn u tlettax (1718-2013) (*vide* Dok PE 4 anness), isem l-esponenti gie indikat bhala Osayamo Emirovahoe nee' Emirovahoe, filwaqt li gie indikat illi hija mizzewga lill-Prince Will N-Wakwe;

Illi fil-kaz odjern, id-dikjaranti li taw l-informazzjoni fic-certifikati tat-twelid rispettivi kienu l-missirijiet tal-minuri fuq imsemmijja, illi rispettivament accettaw l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-att innfisu;

Illi r-rikorrenti tixtieq tikkoregi dawn l-izbalji billi isimha u kunjomha mhumiex indikati korrettement filwaqt li hija qatt ma kienet mizzewgha lill-imsemmijin Alex Eno u Prince Will N-Wakwe, ma’ liema irgiel hija kienet biss f’ relazzjoni (*vide* Affidavit mahluf tal-esponenti anness u mmarkat bhala Dok PE 5);

Illi dan l-izball ikkawza u jista’ jkompli jikkawza problemi fil-hajja tal-esponenti biex tkun tista' tezercita l-kura u kustodja ta' uliedha;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri Christopher, registrat bin-numru erbat elef, mija tnejn u erbghin tal-elfejn u disa’ (4142-2009), sabiex fil-kolonna 'Taghrif dwar l-omm' jigi indikat l-isem **Osayamon Emirovahoe,** filwaqt li jigi mhassar il-fatt li hija mizzewga, u dana *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili *et seq;*

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri Freedom Chimeremumma, registrat bin-numru elf, seba’ mija u tmintax tal-elfejn u tlettax (1718-2013), sabiex fil-kolonna 'Taghrif dwar l-omm' jigi indikat l-isem **Osayamon Emirovahoe,** filwaqt li jigi mhassar il-fatt

li hija mizzewga u dana *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili *et seq;*

3. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-minuri Christopher Eno u Freedom Chimeremumma Nwakwe;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa mharrek sabiex jidher in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 13 ta' Frar 2017 (fol 21) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-termini ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekori;

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob il-korrezzjoni fl-okkju *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* illi isem ir-rikorrenti fid-Dokument anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala 'Dok PE 1' jidher bhala 'Emirovahoe Princess Osayamon' u mhux 'Emirovahoe Osayamon';

4. Illi huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li jigu msejhin fil-kawza il-minorenni Christopher Eno u Freedom Chimeremumma, *ai termini* generali tal-Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li r-rikorrenti qed titlob il-korezzjoni fl-Atti tat-Twelid ta' dawn iz-zewg minuri. Ghaldaqstant, ghandhom jigu msejhin il-minorenni Christopher Eno u Freedom Chimeremumma u ghandhom jkunu debitament rapprezentati *ad litem* minn kuraturi jew tuturi mill-Qorti sabiex l-interessi ta' dawn il-minorenni jigu rapprezentati skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 781, 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi *di piu'* minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Atti tat-Twelid in kwistjoni, kienu l-missirijiet tal-minuri Christopher Eno u Freedom Chimeremumma, jigifieri s-Sur Alex Eno u s-Sur Prince Will Nwakwe rispettivament, li ddikjaraw l-informazzjoni kollha misjuba fl-Atti tat-Twelid tal-minuri, inkluz li l-isem tar-rikorrenti u li huma kienu mizzewgin lir-rikorrenti. Ghal dawn il-fini s-Sur Alex Eno u s-Sur Prince

Will Nwakwe kienu iffirmaw l-Atti in kwistjoni u *stante* li dawn kienu d-dikjaranti fuq l-Atti tat-Twelid, permezz tal-firma taghhom huma accettaw u kkonfermaw l-informazzjoni inserita minnhom fl-Atti. Ghaldaqstant, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u *stante* dan, l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

6. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed titlob illi barra li ssir korrezzjoni fl-Atti tat-Twelid bin-numru progressiv ta' 4142 tas-sena 2009 u 1718 tas-sena 2013, ghandha ssir ukoll korrezzjoni fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-minuri Christopher Eno u Freedom Chimeremumma. Illi sabiex ikun hemm tali tibdil f’ kull att iehor tal-istat civili *a tenur* tal-Artikolu 253 sub-inciz 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ghandha tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li hija qieghda taghmel riferenza ghalihom;

7. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni u ghaldaqstant huwa qed jopponi ghal tali talba mressqa mir-rikorrenti fir-risposta guramentata taghha;

8. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da

parti l-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

9. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti hekk kif presjeduta fejn fis-seduta tal-Hamis, 6 ta' April 2017 meta ssejhet il-kawza dehret Dr Rebecca Muscat ghall-attrici u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat li prezentat nota b'dokumenti u ghaddiet kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet ta' registrazzjonijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-4 ta' Jannar 2017

(fol 17), u b'hekk it-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

L-ewwel eccezzjoni hija wkoll sorvolata, billi n-notifika ghan-nom tal-Avukat Generali, saret kif verbalizzat fl-14 ta' Frar 2017.

Illi t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimati huma wkoll sorvolati bil-korrezzjonijiet tat-talba tar-rikorrenti, awtorizzata b'digriet datat 14 ta' Frar 2017, u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi r-rikorrenti qed titlob li fl-atti tat-twelid tal-minuri binha Christopher, kif ukoll fl-att tat-twelid tal-minuri Freedom Chimeremumma fil-kolonna "Taghrif dwar l-omm" jigi ndikat bhala "Osayamon Emirovahoe". Illi r-rikorrenti qed titlob ukoll, li fiz-zewg atti tat-twelid in kwistjoni taz-zewg minuri, jithassar il-fatt li r-rikorrenti hija mizzewga lill-missirijiet dikjaranti rispettivi.

Illi jrid jinghad fl-ewwel lok, li fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, t-talbiet taghha kif dedotti.

Referibbilment ghat-talba ghall-korrezzjoni, fl-isem tal-omm fil-kolonna "Taghrif dwar l-Omm" fl-att tat-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti esebiet Dok PE1, attestazzjoni tat-twelid datat 12 ta' Awwissu 2016, (fol 4-5), u certifikat tat-twelid originali tar-rikorrenti Dok PE6, (fol 28-29) fejn isimha jidher hemmhekk indikat bhala "Osayamon Princess

Emirovahoe”. Illi esebiet ukoll Dok PE2, dokument ta’ identifikazzjoni mahrug mill-Ufficju tal-Immigrazzjoni, (fol 6), fejn isem ir-rikorrenti jidher indikat bhala “Osayamon Emirovahoe”. Gie esebit affidavit ta' huha Sunday Igbinogun (fol 5) li afferma li Emirovahoe Princess Osaymon hija ohtu u missierhom kien jismu Peter Emirovahoe.

Illi fl-affidavit taghha a fol 11, ir-rikorrenti tispjega li l-isem *Princess* huwa biss titlu billi tallega li missierha kien ir-Re ta' Okhokhugbo. Dan mhuwiex ikkontestat mill-intimat u din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti mhix qed tuza *Princess* bhala parti minn isimha fit-termini tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Izda, fir-rigward tat-talbiet l-ohra tar-rikorrenti kif dedotti, fejn qed jintalab li fl-att tat-twelid tal-minuri esebiti bhala Dok PE3 u Dok PE4, jithassar il-fatt li hemm imnizzel hemmhekk li r-rikorrenti hija mizzewga, din il-Qorti tosserva, li da parti tar-rikorrenti ma tressqet l-ebda prova f’dan is-sens.

Huwa minnu li fl-affidavit taghha tghid li ma kenietx mizzewga lil Alex Eno izda kienet mizzewga lil Prince Will Nwakwe, missier bintha Freedom, izda biss b'ritwal tradizzjonali u mhux legalment. Qalet li ghandha dokumenti li juru li hija mhix mizzewga izda ma pproducithomx.

Illi din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq semplici affidavit biex tbiddel l-istat ta' genitur fuq att ta' twelid ta' minuri. *Di piu`,*

jirrizulta minn dokumenti esebiti mid-Direttur intimat, Dok DRP 2, affidavit ta' Alex Eno, li qed jiddikjara li huwa mizzewweg lir-rikorrenti u qed jiddikjara wkoll li huwa missier Christopher Eno u Dok DRP4, dikjarazzjoni permezz ta' affidavit ta' Prince Will Nwake li kkonferma li huwa mizzewweg lir-rikorrenti. Dawn il-provi mhumiex bl-ebda mod ikkontestati mir-rikorrenti. Fid-dawl ta' dan, it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ta' dak indikat fl-atti tat-twelid tal-minuri, dwar l-istat tar-rikorrenti bhala mizzewga, ma jistax jigi akkolt.

Illi huwa evidenti li hemm konfuzjoni shiha fir-rigward tal-istatus tar-rikorrenti li mill-affidavits tal-missirijiet, li ma gewx prodotti in kontro-ezami, tista' anke tirrizulta li hija bigama ghalkemm tispjega li rrit taz-zwieg li kellha ma missier bintha kienet wahda tradizzjonali. Tali sitwazzjoni anomala tolqot mill-vicin l-istat u l-interessi tal-wild minuri u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tichad din it-talba izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha minhabba mankanza ta' provi sabiex ir-rikorrenti ikollha kull opportunita' li tipprocedi ulterjorment bi provi kif imiss.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ser tipprocedi biex tilqa' t-talbiet dwar il-korrezzjoni ta' isem l-omm, fl-atti tat-twelid indikati fir-rikors, filwaqt li tirriserva favur l-istess rikorrenti l-jedd li tavvanza talbiet relatati mal-istat taghha ta' mara mizzewga *o meno* fi proceduri separati.

Ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez, taqbel mal-intimat, li d-Direttur intimat agixxa fuq dak dikjarat mid-dikjaranti, hekk

kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti Dok DRP1 sa Dok DRP4, fejn kienu l-missirijiet tal-minuri li ddikjaraw id-dikjarazzjonijiet imnizzla fl-atti tat-twelid tal-minuri indikati fir-rikors. Ghalhekk, l-intimat ma ghandux ibaghti l-ispejjez.

Referibbilment ghat-tielet talba, din certament ma saritx fit-termini tal-artikolu 253 (3) tal-Kap 16 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha *stante* li l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi tilqa' limitatament l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri Christopher, registrat bin-numru erbat elef, mija tnejn u erbghin tal-elfejn u disa' (4142-2009), sabiex fil-kolonna 'Taghrif dwar l-omm' jigi indikat l-isem **Osayamon Emirovahoe.**

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri Freedom Chimeremumma, registrat bin-numru elf, seba' mija u tmintax tal-elfejn u tlettax (1718-2013), sabiex fil-kolonna

'Taghrif dwar l-omm' jigi indikat l-isem **Osayamon Emirovahoe.**

Tichad it-tielet talba ghar-raguijiet fuq spjegati,

Ghar-rigward tat-talba sabiex fic-certifikati imsemmija jigi mhassar il-fatt li r-rikorrenti hija mizzewga, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess sabiex jigi riservat lir-rikorrenti l-jedd li tipprocedi f'gudizzju separat ghar-ragunijiet ukoll fuq spjegati.

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi *notifikata ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2017**